

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Lípidos Santiga, SA, hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>(1)</sup>) ĠU C 328, 30.9.2019

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġeneral ta' 11 ta' Ġunju 2020 – Elevolution – Engenharia vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-652/19 R)

**(“Proċeduri għal miżuri provviżorji – Kuntratti pubbliċi għal xogħolijiet – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta’ urġenza”)**

(2020/C 255/23)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Elevolution – Engenharia, S.A. (Amadora, il-Portugall) (rappreżentanti: M. Marques Mendes, R. Campos, A. Dias Henriques, M. Troncoso Ferrer u C. García Fernández, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Dintilhac u I. Melo Sampaio, aġenti)

**Suġġett**

Talba abbażi tal-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Lulju 2019 li biha r-rikorrenti għiet eskluża għal perijodu ta' tliet snin mill-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti u ta' għoti ta' sussidji ffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEI) fil-kuntest tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU 2015, L 58, p. 17), b'ordni ta' pubblikazzjoni tal-informazzjoni ta' esklużjoni pprunuzjata fuq is-sit tal-internet tal-Kummissjoni.

**Dispożittiv**

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
  - 2) L-ispejjeż huma rriżervati.
- 

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġeneral tat-8 ta' Ġunju 2020 – Ascenza Agro vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża T-77/20 R)

**(“Proċeduri għal miżuri provviżorji – Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti – Regolament (KE) Nru 1107/2009 – Regolament ta’ Implementazzjoni (UE) 2020/17 – Nuqqas ta’ tiġid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva chlorpyrifos-methyl – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta’ urġenza – Dannu gravi u irreparabbi – Assenza”)**

(2020/C 255/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Ascenza Agro, SA (Setúbal, il-Portugall) (rappreżentanti: K. Van Maldegem, P. Sellar, avukati, u G. McElwee, solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A Dawes, F. Castilla Contreras u I. Naglis, aġenti)